# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63

17 ta' Jannar, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.48pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Stephenh Gauci-Kunsillier
Franceca Borg- Ambaxxatriċi taż-żagħżagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# AĠENDA 63

63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 62-9
63.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' Pjazza Santa Margerita;
63.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
63.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet
tal-Kunsillieri;
63.6 Komunikazzjoni;
63.7 Avvenimenti – Karnival/ Għid 2024/Jum Sannat/Wine Festival u materja oħra
63.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
63.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta'
pagamenti 1/2024;
63.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 62.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

62.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji

## 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 62

62.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċedenti Nru. 62 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis- Segretarja Eżekuttiva. Is-Sindku rringrazzja lill-ambaxxatriċi għaż-żagħżagħ li llum hija l-aħħar laqgħa tagħha fil-kunsill peress li issa għalqet tmintax-il sena. Il-kunsilliera awgurawlha ghal-futur, li minn naħa tagħha Francesca, irringrazzjat lill-kunsill ta’ l-opportunita’ li ngħatat. Il-kunsill issa se joħroġ sejħa għal-ambaxxatur taz-zaghzagh.

## 63.3 **Aġġornament dwar il-proġett ta’ pavimentar u rinovar ta’ Pjazza Santa Margerita**

62.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta’ riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

63.3.2 Is-sindku beda l-aġġornament tal-pjazza, billi qal li l-proġett daħal fażi fejn qed jieħu żvolta ġdida, speċjalment issa li bdiet titpoġġa l-karreġjata fejn il-każini. Is-sindku qal li mhux daqshekk sodisfatt bir-ritmu tax-xogħol li għaddej, pero l-periti nteqew flimkien u ftehmu kif jista ‘ jitla l-volum tax-xogħol tal-karreġġjata biex eventwalment dan il-proġett jitlesta fid-data il-ġdida stipulata. Il-bankini, in-naħa t’isfel li komplew jiġifieri sal-bidu ta’ Sannat Road u Triq 28 t’April tlestew f’jumejn jew tlieta, u issa bdew il-bankini fejn ġejjin l-istatwi l-qodma. Illum kellhom jpoġġu l-istatwi l-qodma f’posthom u jibdew il-gutter tat-tarf, biex eventwalment jibda jitpoġġa l-granit tal-parking bays minn ħaddiema oħra ta’ l-istess kuntrattur. Ilbierah ukoll ġie l-perit tal-kuntrattur li se jagħmel il-bonavostri, dan għal-fatt li s-sample li saret qabel, l-perit tal-kunsill ried li jsiru xi korrezzjonijiet. Il-periti ltaqghu fuq il-post u iddiskutew dan it-tibdil meħtieġ u eventwalment s-sample se jsir is-sibt u jiġi dakinhar stess biex il-perit tal-kunsill jiċċertifika li hija aċċettabli. Is-sindku qal li tkellem mal-perit rigward il-gutter li se jkun divizorju bejn il-kareġġjata u l-bankina, u ġie miftiehm li l-gutter tan-nofs isir lixx ma l-art biex b’hekk jiġu evitatit inċidenti speċjalment meta jkun hemm okkazzjonijiet fejn ikun hemm massa ta’ nies bħal festa.

63.3.3 Rigward it-tender ta’ l-għamara tal-pjazza, din se tagħlaq fl-aħħar ta’ Jannar. Il-kunsill iddeċieda li l-viċi sindku Galea u l-kunsillier Bajada flimkien ma l-inġinier Cordina ikunu fuq il-bord ta’ aġġudikazzjoni. Il-bord se jiltaqa’ fiżikament.

63.3.4 Il-kunsill irid jagħmel l-‘extention letter’ mal-kuntrattur biex kollox ikun in regola. Fil-laqgħa li saret mal-kuntrattur, is-sindku qal li l-kunsill mhux kuntent b’mod unanimu bl-andament u r-ritmu tax-xogħol għaddej s’issa. Is-sindku saħaq, li issa l-kunsill qabel b’data ġdida għat-tlestija ta’ dan il-proġett u eventwalment l-inawgurazzjoni tal-proġett. Is-sindku qal li d-data ta 28 t’April f’Jum Sannat, l-kunsill ikun ta rigal lir-residenti Sannatin. Is-Sindku qal lill-kuntrattur li f’idejhom għandhom din l-extention letter ( sa’ l-aħħar ta’ Marzu), jekk ma tiġiex iffirmata l-kuntrattur se jibda jeħel penali minn Settembru għajr għal dak il-perjodu li ma kienx jista jaħdem. Is-sindku kompla billi qal lill-kuntrattur li din l-estensjoni mhux se tinbagħat qabel ma jaraw iktar progress fir-ritmu tax-xogħol għaddej, biex hekk id-data ta’ l-għeluq tal-proġett tiġi rispettata. Is-sindku qal li huwa kunfidenti li x-xogħol se jinħeles sa’ l-aħħar ta’ Marzu. Il-bonavostru se jkunu lesti sa nofs Marzu u għandhom madwar ħmistax –il ġurnata biex dawn jitwaħħlu. Fuq is-salib, l-ħaddiem huwa differenti minn dak li se jagħmel il-bonavostri u anki l-magna hija differenti.

63.3.5 Il-kuntrattur sab diffikulta mill-enemalta rigward il-cable li hemm bzonn biex is-servizz tad-dawl ikun jista jitkompla, liema sistema tgħaddi minn taħt l-art. Illum, l-kuntrattur ġie nfurmat li wasal drum bil-cable li jista jmur jiġbru, u għalhekk ikun jibqa żewġ drums oħra tal-cable biex is-servizz ikun komplut. Finalment is-supply tad-dawl  tkun kollha minn taħt l-art u hekk ikunu eliminati l-wires ta’ fuq it-triq.

63.3.6 Il-project manager tal-proġett qal, li huwa ż-żmien opportun li jitħawwlu s-siġar, u anki għal-fatt li ftit ieħor ma jkunux jistew jgħaddu bl-inġenji minn fuq il-pavimentat. Se jsir il-grouting tal-bankina u hekk ikunu jistew jitħawwlu. Ta’ min isemmi li s-siġar ilhom li qedin għand il-kuntrattur.

63.3.7 Il-kunsill għandu issue rigward l-health and safety officer, għal-fatt li l-uffiċċjal li qed jagħmel ir-rapport u jiffirma mhux reġistrat fil-lista ta’ nies li huma iċċertifikati minn naħa ta’ l-OHSA. bħala inspector. Dan specifikat fil-kuntratt li ħareġ skond l-ispecifications meħtieġa fit-tender. Ovvjament, l-invoices relatati mal-health and safety officer mhux se jitħallsu, u bi qbil mal-kunsillieri, dan il-kuntratt irid jiġi tterminat. Il-kunsill se jara l-proċeduri li jmiss, b’diskussjoni mal-project manager.

63.3.8 Rigward id-dwal, l-kuntrattur se jibda itella l-arbli u eventwalment ukoll se jibda x-xogħlijiet marbuta mad-dawl tal-knisja- koppla etċ. Xħin tinqala l-art taz-zuntier ikunu jistew jgħaddu l-pipijiet u l-fittings.

63.3.9 Is-sindku spiċċa l-aġġornament billi qal li l-kunsill qijed mal-limit fejn jidħol finanzi, u qed jara li li l-ammont li hemm fil-kuntratt ma jinqabiżx. Baqa l-istima tat-tindif tal-ġibjun quddiem iz-zuntier, liema stima  l-kunsill għadu qed jistenna mingħand il-kuntrattur biex ikunu jistew imexxu.

## 63.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

63.4.1 Il-proġett tal-ġibjun mexa b’ritmu tajjeb. Il-grouting tal-pavimentar sar u l-pots waslu wkoll u l-kuntrattur kien saqsa lill-kunsill x’tip ta’ pjanti jissuġġerixxi biex jitħawwlu. L-bankijiet jingħaqdu u twaħħlu fil-post mill-ħaddiem tal-kunsill. Eventwalment fil pompa li giet nstallata jsir vit ħalli l-bdiewa ikunu jistew itellghu l-ilma. Naturalment, se jsir policy kif wieħed għandu japplika biex jieħu l-ilma. Id-dwal ukoll se ssirilhom xi tweaking zghira..

63.4.2 Fuq it-tender tas-sala tal-każin tal-banda, kien baqa l-aħħar waħda li għandha x’taqsam mal-wall panels, liema kuntrattur li ġie aġġudikat it-tender għamel spezzjoni fuq il-post. Is-segretaja eżekuttiva qalet li rċieviet xi stima rigward dan it-tender li hija għolja (6000 ewro iktar ) minn dak li oriġinarjament kienet it-tender, għax probabli kien hemm xi varjazzjoni fid-disinn. Is-sindku qal li l-kunsill ma jistax imur oltre mit-tender maħruġ, u jekk se jkun hemm xi varjazzjoni għax forsi tal-każin tal-banda ssuġġerew, il-kumitat irid iħallas l-ispejjeż addizzjonali. Rigward il-purtieri tas-sala il-kumpanija -‘Fabrics’ kienet l-irħas offerta minn tlieta li kien hemm mitfuha, u se jsir laqgħa mal-kumitat tal-banda biex turihom is-samples biex ikunu jistew jagħżlu.

63.4.3 Fuq it-tender tal-playing field, kien hemm xi ħames offerti mitfuha u dak li kien l-iktar irħas kien technical compliant, kif wkoll għamel xi klarifikazzjonijiet li ġie mitlub. Issa li il-kunsill għandu t-tender f’idejh, ikun jista japplika għal-funds tad-DPF. Is-sindku huwa kunfidenti li dawn il-fondi se jingħataw bħal ma ġara fil-passat. Dan il-proċess ta’ tendering ġie wżat biex il-kunsill ikollu stampa ċara ta’ l-ispejjeż marbuta ma dan il-proġett u hekk dawn ikunu jistghu jinkitbu fl-applikazzjoni biex il-kunsill ikunu jista jakkwista l-fondi.

63.4.4 Il-kunsill se jdaħħal l-applikazzjoni ta’ 28 t’April marbuta mal-fondi tad-DPF. Il-belvedere se jinqala kollu, jitranġaw il-fanali, kif ukoll jitħawwlu aktar siġar u arbuxelli. Il-viċi Sindku saqsiet rigward fault li kien hemm fid-dawl, bis-sindku jwieġeb li dan se jiġi elimant għax se jkun hemm sistema tad-dawl ġdida.

63.4.5 Rigward il-kalkara tal-ġir l-kuntrattur qed jimla l-‘commencement notice’ u qed jistenna xi firma minn naħa tal-perit tiegħu. Meta l-kunsill ikollu l-karti mingħand il-kuntrattur, ikunu jistew jintbagħtu lill-Awtorita ta’ l-Ippjanar biex ikunu jistew jikkonfermaw minn naħa tagħhom, u konsegwentement ikun jista jibda dan il-proġett.

63.4.6 Illum stess, is-Sindku Vella mar Malta biex jiġbor il-van tal-kommunita wara li rriżulta li kienet qed timmarka xi fault u waqfet. Skont it-tekniċi, dan irriżulta li kellha xi faults fil-heaters u billi kienet għadha taħt il-garanzija ma kienx hemm spejjeż addizzjonali. Is-Sindku saqsa fuq dan il-fault lil-mechanics tal-kumpanija, fejn stqarrew li dan mhux xi fault komuni u x’aktarx hu marbut mal-klima ta’ pajjiżna.

63.4.7 Harġet applikazzjoni oħra marbuta ma’ fondi disponibbli minn naħa tal-LESA, biss pero hemm klawsola li tistupulixxi li biex jittieħdu fondi oħra jrid jitlesta l-proġett li l-kunsill ħa fondi mill-istess fond imsemmi, f’dan il-każ hija proġett tal-Kalkara tal-Ġir. Is-Sindku qed

jissuġerixxi li l-kunsill jixtri trakk li jaħdem bid-diesel biex ikun jista jintuża mill-ħaddiema fil-qadi tax-xogħol tagħhom, kif ukoll ikun jista jintuża mill-għaqdiet tar-raħal fil-bżonnijiet tagħhom. Kunsill Lokali oħra li applikaw għal dawn il-fondi ġew aċċettati biex jinxtraw vetturi. Il-kunsill qabel li għandhom japplikaw għal dawn il-fondi biex jinxtara trakk imsemmi, dejjem x'ħin ikun lest il-proġett tal-kalkara tal-ġir.

63.4.8 Fuq Triq Paranji, is-sindku qal li l-water services bidlu l-verżjoni tagħhom, fejn issa qed jgħidu li m'hemmx bżonn tinbidel is-sistema tad-dranaġġ, tinbidel biss is-sitema ta' l-ilma. Konsegwentement, l-istima fuq it-triq se tonqos u l-kunsill se jibgħat lill-Ministeru t'Għawdex biex ikun jista jibda x-xogħol. Dan il-proġett jinkludi minn tarf it-triq ta' Triq Paranji, sa fejn qed għadu qed isir il-kostruzzjoni, għaliex r-residenti issa huma mxebbejn mit-trabijiet marbutin mal-kostruzzjoni. Is-sindku rrimarka li l-kunsill xeba jirraporta mal-BCA fuq ilmenti li jidħlu marbuta ma' tip ta' kostruzzjoni. Il-kunsill ma jista jagħmel xejn ħlief idaħħal ir-rapport mal-BCA. Il-kunsill dejjem qed idaħħal rapport jekk jinnutaw xi ħaġa llegali jew inkella jidħol xi lment mingħand ir-residenti. Fuq Triq Dun Lazzru Camilleri u Triq Xamgħan, il-water services qalet li jrid jinbidel id-dranagg u l-ilma. L-istima ħarġet waħda li tinkorpora z-żewg toroq, u s-sindku talab li dawn għandhom jiġi separati waħda għal kull triq. Dan għal fatt li skond l-inġinier tal-water services, d-dranaġġ irid jibda minn-naħa ta triq Din Lazzru Camilleri għax hemm huwa l-aktar punt fil-fond li jridu jinżlu, u għalhekk jista jsir id-dranaġġ u jgħaddu l-ilma u tkun tista isir ukoll l-ewwel kisja tarmac. Eventwalment imbagħad toħroġ it-tender fuq is-servizzi ta' Triq Xamgħan u jkun jista jibda x-xogħlijiet kemm jista jkun malajr f'din it-triq ukoll. Bħalissa hemm issue ta' stima kbira, u għalhekk x'hin jinqassmu ikunu jistew jibdew ix-xogħlijiet fi Triq Dun Lazzru Camilleri, sakemm imbagħad toħroġ it-tender ta' Trq Xamgħan.

63.4.9 Fuq Triq il-Kbira (l-parti t'isfel), is-sindku qal li ċertu xufiera qed jinżlu minn din it-triq b'veloċita eċċessiva u fil-fatt ftit jiem ilu kien hemm inċident ikrah f'din iż-żona tat-triq. Il-kunsill irid jikteb lill-pulizija biex jassesjaw dik l-area u anki issa kif se jsiru l-cameras, isir camera li tiddetermina l-speed. Il-kunsillier Bajada qal li fir-raħal hawn karozzi mingħajr pjanċi jew liċenzja mħallsa. Is-sindku qal li diġa sar rapport m l-community police diġa qed idur mar-raħal biex jiċċekja dawn it-tip ta' vetturi u qed tittieħed azzjoni.

## 63.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

63.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-kunsillieri

## 63.6 Komunikazzjoni

63.6.1 Minn naħa ta' fondi tar-Regjun li ssemmew li ma kienux gew mitluba mill Kunsill fil passar fl-aħħar laqgħa, is-segretarja eżekuttiva qalet li dawn se jinġabru mill-attivitajiet li saru fil-Milied, u l-kunsill għandu sa l-aħħar tax-xaħar biex idaħħal id-dokumenti meħtieġa.

63.6.2 Il-kunsill rċieva numru ta' invoices mingħand l-health and safety officer, li pero' dawn m'humiex se jitħallsu minħabba l-kwistjoni li issemmew mis-sindku fl-aġġornament tal-pjazza.

63.6.3 Il-kunsill għandu problema bil-printers, għax hemm wieħed li ġie absolete u l-oħrajn huma slow biex ilaħħqu mad-domanda li jkollu l-kunsill, anki għal-fatt li l-kunsill qed joffri s-servizz ta' l-użu ta' photocopier lill-għaqdiet tar-raħal. Is-segretarja eżekuttiva ġabret stima ta' leasing mingħand kumpanija privata li tammonta għal-ħamsa u erbgħin ewro (45) fix-xahar VAT mhux inkluża, b'kuntratt għal-ħames snin. Il-kumpanija tieħu ħsieb il-maintenance ta' dan il-printer, bdil ta' toners etc, bil-kunsill jixtri biss il-karti. Is-segretarja eżekuttiva ikkonfermat li kull tip ta' printer li hemm bħalissa fil-kunsill kien mixtri minn naħa tal-kunsill innifsu. Il-Kunsill qabel li jsir dan it-tip ta' 'leasing'.

63.6.4 Is-segretarju eżekuttiva qalet li s-sindku jixtieq li din is-sena għal-ħabta ta Marzu , jitla grupp lejn Montefiascone, fejn il-kunsill għandu ġemellaġġ. Is-sindku jixtieq li parti mill-grupp ikunu il-kunsilliera flimkien ma' l-ambaxxatriċi taz-zagħzagħ. Is-segretarja eżekuttiva ġabet ir-regulations, ta' x'jista joffri l-kunsill lill dawk li jaħdmu fil-kunsill bħal biljett ta' l-arju, akkomodazzjoni etc. Il-kunsillieri qablu u aktar dettalji se jingħataw fil-laqgħa li ġejja, jew anki tinbagħat emejl b'informazzjoni relatata ma din is-safra. Is-sindku qal li jidher li hemm konkorrenza tajba u l-kunsill se jaħdem fuq 'first come first serve basis'. Il-kunsillieri qablu li għandha jsir din il-mawra u l=preparamenti kollha ghaliha.

63.6.5 Il-kunsill rċieva biex iħallas ic-ċens ta' parti art fid-daħla taċ-ċnus li qiegħed fuq isem il l-kunsill, kif ukoll ftit jiem qabel il-kunsill rċieva ghal ħlas ta' ċens ta' ġnien il-bidwi. Il-ħlas taċ-ċens (€176 fis-sena kull parti) huma marbut għal-ħames snin.

63.6.6 Is-segretarja eżekuttiva qalet li ġie ħaddiem tal-kunsill b'irċevuta li trid titħallas rigward vireg ta' l-stainlessteel. Is-segretarja eżekuttiva talbet lis-sindku li f'dawn il-każijiet jekk possibli ikun hemm aktar informazzjoni ma' l-irċevuta.

63.6.7 Il-Gvern kien ħareġ compensation scheme rigward għajnuna marbuta mat-tenders li kienu aġġudikati, li sfortunatamnet intlaqtu mill-għoli tal-ħajja minn mindu ġie aġġudikat it-tender. L-ewwel skema il-kunsill kien bagħat id-dokumentazzjoni meħtieġa u issa, l-gvern ħareġ it-tieni sejħa u bi qbil mal-kunsillieri se tintela l-formuli u tintbagħat għal-approvazzjoni.

63.6.8 Il-kunsill rċieva notifikazzjoni minn naħa tal-planning authority bil-commencement notice ta' l-interpretation hub ta' Ġnien il-Bidwi.

63.6.9 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill rċieva komunikazzjoni minn persuna li lmentat biex isir bankina fi Triq Bardan. Dan lment diġa kienet issemmiet fil-laqgħa preċedenti, u l-kunsill kien baqa li jiltaqgħu mal-persuna involuta flimkien mal-perit, pero s'issa għadhom ma rċivewx appuntament minn naħa tal-perit. Se tinbagħat reminder. Is-sindku qal li se jkunu ċari li dik it-triq se tibqa kif kienet għal għexieren ta' snin, jiġifieri li r-raħħala jgħaddu bil-inġenji tagħhom.

63.6.10 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill qed jistenna appuntament mal-perit, biex jitkellmu ma resident partikulari fi triq il-Kbira biex isirlu rampa minħabba problemi li għandu ta' mobilita. Illum stess, dan ir-resident partikulari bagħtet emejl lill-kunsill biex jagħmel użu mill-community van, pero s-segretarja ezekuttiva nformatu li l-van m'għandiex aċċess ta' rampi.

63.6.11 Persuna li qed tieħu ħsieb il-binja ġdida fi triq ta' Ta Ċenċ saqsiet lill-kunsill rigward tweġiba fuq il-bankina li hija proposta. Din ġiet diskussa kemm il-darba fil-laqgħat preċedenti, u s-segretarja eżekuttiva qalet li għada se jkun hemm laqgħa fuq il-post mal-perit biex jitkellmu fuq din il-bankina proposta.

63.6.12 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-perit tal-proġett wieġeb rigward l-kjarifikazzjoni li talbet fuq il-pavimentar tal-pjazza. Il-perit ikkonferma li dan it-tip ta' materjal tal-pavimentar ma jiżloqx, pero' huwa mportanti li jinżamm nadif għal-fini ta' xaħx, żjut etċ.

63.6.13 Il-perit bagħat il-kontijiet rigward l-interpretation centre ta' Ġnien il-Bidwi, bil-kunsill kif kien miftiehem fil-laqgħat ta' qabel, iddeċieda li dawn għandhom jgħaddu għal-pagament x'ħin il-proġett jitlesta.

63.6.14 Il-kunsill rċieva survey mingħand student li qed jagħmel masters, biex tintela b'mod volontarju mill-istaff tal-kunsill. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill jirċievi ħafna survejs li qegħdin jiġu mwieġba.

63.6.15 Is-superjur tal-mużew daħħal lment rigward xi bins, bankijiet etċ fejn il-binja tal-mużew fi triq Xamgħan. Il-kunsill fejn seta jirranġa, diġa ħa azzjoni fuq ċerti lmenti. Is-superjur talab laqgħa, liema laqgħa se jsir fil-jiem li ġejjin, fejn se jistaqsi fuq it-triq, xi bankijiet li jrid li jinqalghu għax qed ikun hemm it-tfal u qed iħallu l-ħmieġ u anki l-bins irid li jinqalghu għax ċertu nies qed jitfghu il-borża ta' l-organic. Il-kunsill kellem lill-ħaddiem assenjat f'dik iż-żona biex darbtejn f'ġimgħa jnaddaf il-bins ta' dik in-naħa.

63.6.16 Is-segretarja eżekuttiva qalet li bħal kull sena, l-kunsill rċieva l-kuntratt biex jitħallas iċ-ċens - Portion of field torba l-Lewż for 'administrative purposes', Ras in-Newwiela u triq Bebunaq (li jagħmlu parti minn Ġnien il-Bidwi), Daħla taċ-Ċnus . Il-kunsill iħallas €778 b'kollox. Il-kunsill se jiċċekkja fuq l-biċċa art msemmija -Torba l-Lewż.

63.6.17 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-ewwel darba li ngħalqet triq Cocco Palmieri kien hemm konfużjoni kbira x'ħin spiċċat l-iskola u l-pulizija ma ħalla l-ħadd jidħol mit-triq 28 t'April. Il-kunsill kiteb emejl li ġiet referuta lill DISTRETT 1 Community, pero l-kunsill ma rċieviex risposta. Is-sindku, pero qal li din il-problema ssolviet.

63.6.18 Is-segretarju eżekuttiva saqsiet lid-dipartiment fuq il-proċess li jrid isir fuq dawl ġdid fit-toroq, dawn iridu japplikaw għalihom l-kunsill u jsiru spejjeż tal-kunsill. Is-segretarja

eżekuttiva qalet li jrid isir eżercizzju biex jaraw x'hemm bżonn ta' bozoz ġodda ħalli jsir applikazzjoni waħda.

63.6.19 Il-kunsill bagħat ukoll lid-dipartiment fuq it-tiżbir tas-siġar u dawn wieġbu li se jinżabru. Rigward id-dawl ta' triq il-qasam, id-dipartiment saħaq li din hi responsabilta' tal-kunsill lokali tax-Xewkija. Is-Sindku tenna, li fil-laqgħa tar-reġjun t'Għawdex kien qajjem il-punt fuq konfini li jagħmlu ma' kunsilli oħra,biex ir-reġjun t'Għawdex għandu jintervjeni direttament fil-kwistjoni. Il-kunsill ta'Sannat se jinforma l-kunsill tax-Xewkija b'dan ilment ta'nuqqas ta' dawl. Is-sindku reġa semma, li għalhekk l-inġinier qed jaħdem fuq l-istudju fejn hemm nuqqas ta' dawl fit-toroq ta' Sannat, għax f'każ ta' inċident il-kunsill jiġi responsabli minħabbba nuqqas ta' dawl arftifiċjali. Is-sindku semma li hemm nuqqas ta' dawk fi triq Skerla.

63.6.20 Is-segretarja eżekuttiva qalet li llum rċievew korrispondenza mingħand l-awtorita' ta' l-ippjanar, biex jekk il-kunsill irid, jista jibgħat dokumentazzjoni ta' xi proġett li sar minn naħa tal-kunsill f'dawn l-aħħar tlett snin, biex dan ikun jista jingħata promozzjoni minn naħa ta' l-awtorita ta' l-ippjanar.

63.6.21 Tal-Victim support ġew ilbieraħ l-kunsill u aċċettaw l-proposta li għamel il-kunsill, avolja stqarrew li l-ħin huwa ftit ristrett. l-iscript li diġa nkiteb, jittratta fuq l-vjolenza domestika, bullying u nklużjoni ta' persuni b'diżabilita u se jintbagħat se jiċċekkjaw minn naħa tal-professjonisti tagħhom, Il-kunsill se jintaqa' ma' l-għaqda drammatika ta Sannat biex tittella din l-isketch. Din l-isketch se tgħin biex aktar nies ta' kull eta', fosthom anzjani, biex ikunu jafu aktar fuq servizzi li jeżistu f'dawn il-każijiet. Is-sindku qal li l-isem ta' Sannat se jikber għax bħalu dan il-proġett qatt ma sar f' Għawdex, u f' Malta sar imma mhux fl-istess binarji. Il-Victims support group talab biex il-kunsill jibgħat BOQ fuq l-ispejjeż relatati ma dan il-progett. Din l-attivita se tittella fis-sala tal-każin fit 22 ta' Frar, fejn se jkunu mistieda biex jattendu l-ġenituri flimkien anki man-nanniet tagħhom.

63.6.22 Il-kunsill rċieva cirkulari rigward il-poloz ta' l-assigurazzjonj li tista jsir rigward ħaddiema fil-kunsill li jkollhom x'jaqsmu mal-flus li jinġabru minn naħa tal-kunsill. Il-kunsilliera qablu li din għadha isir.

63.6.23 Is-segretarja eżekuttiva qalet, li fil-bini tal-kunsill kif jistghu jaraw fil-kamra fejn isir il-laqgħa twaħħal ritratt kommemorattiv tal-kunsilliera u s-segretarju eżekuttiv fil-ġurnata tal-ħatra.

63.6.24 Il-kunsilliera qablu li fl-1 ta' Frar isir l-ikla ta' kull sena flimkien mal-ħaddiema tal-kunsill, liema ikla se jsir fir-restaurant 'Beppe's'' hawnhekk f'Sannat stess fis-7.30pm.

## 63.7 Avvenimenti – Karnival/ Għid 2024/Jum Sannat/Wine Festival u materja oħra

63.7.1

F’din il-laqgħa ma ġewx diskussi dawn l-attivitajiet minhabba nuqqas ta’ hin imma hemm qbil li jsiru l-attivitajiet.

63.8

63.8.1 **Ilmenti u suġġerimenti**

63.8.2 Is-segretarja eżekuttiva qalet li lbieraħ irċiviet telefonata mingħand is-segretarju eżekuttiv preċedenti, fejn ilmenta b’mod personali rigward il-performance bonus mogħti. Is-sindku,flgħaxija ċempel lis-segretarju eżekuttiv preċedenti fejn b’mod amikevoli spjegalu d-deċizjoni meħuda fil-laqgħa tal-kunsill. Il-kunsill se jzomm mad-deċizjoni li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti, rigward il-performance bonus tas-segretarju eżekuttiv preċedenti.

63.8.3 Resident talab biex jinbena biċċtejn ħajt tas-sejjieħ fi sqaq limiti ta’ Triq il-Kbira, bis-sindku jwieġeb li dawn il-ħitan ittrangaw.

63.8.4 Resident talab biex jitwaħħlu kameras għax qed jintefa xi skart illegali fi Triq Saguna. Is-sindku wieġeb li bħalissa l-inġinier qed jiċċekja fuq l-ispesification, biex eventwalment joħroġ it-tender u jkunu jistew jitwaħħlu dawn il-kameras fil-postijiet proposti fil-laqgħat preċedenti.

63.8.5 Ms.Pauline Grech, kap ta’ l-iskola ta’ Sannat, reġgħet saqsiet fuq ir-rampa mitluba. Is-Sindku se jiċċekkja mal-kuntrattur in karigat.

63.8.6 Resident fi Triq Santa Marija talab għal-mera. Din saret diġa.

63.8.7 L-arċipriet reġa lmenta li qed jidħol l-ilma taħt il-kappella, pero mhux fl-ammont li kien qed jidħol qabel. Il-sindku qal li jssa li sar il-konkos, is-shuttering u l-gutter u qabel il-binja hemm is-service culvert u qed jaraha diffiċli kif qed jidħol l-ilma, ħlief għal-fatt li baqa jsir il-grouting tal-bankina. Il-kunsilliera kienu tal-fehma li xħin jitlesta il-proġett din il-problema tkun eliminata.

63.8.8 L-intervention team ilmenta li kien hemm xi żibel fi triq il-Gruwa, bis-sindku lmenta li f’dawn il-każijiet dan it-team messu jiġbor din il-borża taż-żibel, għax il-ħaddiema tal-kunsill qed imorru jnaddfu, pero’ mhumiex ilaħħqu ma’ l-ammont ta’ xogħol li għandhom.

63.8.9 Il-kunsillier Bajada semma li rċieva ilment mingħand resident fi għandu garaxx fil-kantuniera ta’ Triq Santa Marija, li qed isibha diffiċli biex joħroġ u jidħol fil-garaxx privat tiegħu peress li qed jinżlu vetturi b’veloċita għolja. Is-Sindku qal li fl-eventwalita li tinfetaħ it-triq Tempju ta’ L-imramma, is- servizz pubbliku tat-trasport jibqa tiela u jgħaddi min din it-triq il-ġdida u mhux se terġa tinżel minn Triq Santa Marija. F’din l-eventwalita, tkun tista isir ‘sleeping police’ fi triq Santa Marija.

Resident fi triq Xamgħan ilmenta li fil-minuti ma kienx hemm risposta fuq l-ilment tiegħu. Is-Sindku qal li qabel ma jitlaq il-ħajt ma tistax isir bankina għax it-triq għadha dejqa sakemm tinfetaħ it-triq kollha. Dan ir-resident għandu raġun, pero l-kunsill jaqbel li ma tistax isir bankina għax inkella ma jkunux jistew jitelew vetturi. Is-Sindku qal li kull ma jistew jgħmlu juma bollards. Is-Sindku ssuġerixxa li jinteqew ma' dan ir-resident flimkien mal-perit tal-kunsill, immorru fuq il-post biex jispjegawlu aħjar.

63.8.10

L-arċipriet lmenta li l-pjanċi qed jagħmlu l-istobju. Is-Sindku qal li issa għamlulhom it-tyres biex jillimitaw l-ħsejjes.

63.8.11

Resident bagħat lment li fi Triq il-kbira (121)  hemm bongonvilla li hija perikuluża. Se jintbagħat il-community police biex jiċċekja ftit fuq dan l-ilment.

63.8.12

Il-kunsill rċieva lment li fi Triq Dun Luqa qed ikun hemm  trakkijiet li qed jimblukkaw garaxxijiet privati. Is-segretarja kellmet lill Community police biex jiċċekja ftit fuq dan l-ilment. Is-Sindku qal li importanti li r-resident li għamel l-ilment ninfurmawh li l-kunsill bagħat lill-community police.

63.8.13

Triq Bequnaq fejn hemm il-bins il-kbar kien hemm trailer kbir li kien qed jimblokka l-aċċess biex jitbatlu l-bins. Is-Sindku qal li kemm il-darba bagħat lill-community police fuq dan il-każ simili.

63.8.14

Fuq Triq Saguna kien hemm ħafna lmenti fuq biċċa art privata li qed jintrema xi żibel. Qed jintremew skart marbut ma kostruzzjoni u kulħadd qed jitfa ġo fiha. Pero l-kunsill ftit jista
63.8.15 jagħmel għax din hija art privata, pero xorta se jintbagħat il-community police.

Residnet fi Triq Ta' Ċenċ ilmenta rigward sarat mal-propjeta tiegħu fejn kienet imwaħħla l-bożża antika. Il-kunsill qabel li se jgħidu lill-kuntrattur biex ikaħħal sewwa l-ġebla, imbagħad jaraw jekk dan ir-resident ikunx kuntent.

63.8.16

Triq Dun Luqa xi residenti talbu biex jerġew jinżebħu d-double yellow lines u jekk possibli it-tindif ta' din iż-żona ikun aktar frekwenti. Dawn ir-residenti qalu li l-bożoż li twaħħlu juru aktar dawl u rringrazzjaw lill-kunsill.

63.8.17

L-intervention Team fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex daħlu rapport li kien hemm xi bulky refuse fi pjazzetta tax-Xelina. Il-kunsill ġibed l-attenzjoni lill tal-bulky refuse biex dawn jinġabru. Is-Sindku qal wkoll, li fi Triq Ta' Ċenċ hemm kaxxa mimlija affarjiet barra li ilha hemm  għal numru ta' ġranet. Il-kunsill se jinforma l-ħaddiema tal-Cleansing biex din titneħħa.

63.8.18

63.8.19 Resident fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri talab biex isir double yellow line mal-bieb tal-garaxx tiegħu biex ikun jista joħroġ u jidħol bil-vettura tiegħu mill-garaxx. Il-kunsill se jagħmel double yellow line bejn il-garaxxjiet.

63.8.20 L-uffiċċju parrokjali talab biex jitneħħew żewġ pots li kien fihom pjanti mejtin. Il-kunsill talab lil tal-bulky refuse u dawn tneħħew.

63.8.21 Il-kuntrattur li għandu t-trakk taż-żibel qed jilmenta għal-fatt li qed ikun hemm karozzi pparkjati ma jkunx jista jidħol bi trakk minn Triq il-Kbira għal-Triq 20 ta' Lulju u konsegwentement iż-żibel ma jkunx jista' jinġabar. Is-Sinku qal li jridu jinteqew mal-kuntrattur innifsu, fejn se jissuġerrixxu biex it-trakk ma jidħolx u jinġabar iż-żibel mil-ħaddiem li jidħol bir-riġel fi triq l-20 ta' Lulju. Is-Segretarju eżekuttiva qalet li qabl hekk kien isir, pero meta miet missier il-kuntrattur din il-prassi ma tkomplitx.

63.8.22 Il-kunsill rċieva lment fuq it-tiżbir tas-siġar fi triq il-qasam, bis-segretarja eżekuttiva qalet li fuq dan lment diġa kellmu lid-dipartiment inkarigat biex jieħu azzjoni. Il-kunsillier Tewma qal jekk hux possibli li jitħawwlu iktar siġar. Is-Sindku qal li tħawwlu xi ftit siġar taż-żebbuġ, pero l-kunsilliet Tewma kompla li hemm spazju għal-iktar tħawwil ta' siġar.

Il-kunsill rcieva lment fuq tappiera perikoluża mikxufa fil-pjazza Santa Margerita, fejn ġiet mgħottija minnufih.

63.9

63.9.1

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal- pagamenti 1/2024

63.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 1/2024 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Viċi Sindku tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill- viċi sindku Galea u ssekondata mill-Kunsillier Clayton Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 63.10.1 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil -15.57 u ġiet aġġornata għal nhar it- Tlieta 20 ta' Frar 2024, fis-1.30 pm

Konfermati, illum 20 ta’ Frar 2024

| | |
|---|---|
| Philip Vella<br>Sindku | Marie Josette Vella Magro<br>Segretarja Eżekuttiva |